# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1058/10/1 NC**

**Constantino Muscat f'ismu proprju u bħala prokuratur tal-assenti Joseph Muscat; Catherine mart Publius Farrugia u b'digriet tal-15 ta' Novembru 2017 l-atti tal-kawża f'isem Catherine mart Publius Farrugia ġew trasfużi f'isem Publius Farrugia, Joseph Farrugia (K.I. 330585M) u Charles Farrugia *stante* l-mewt tagħha, Peter Camilleri, Ruth mart Brian John Agius, Janelle Camilleri, Giovanna Mizzi u b'digriet tal-10 ta' Diċembru 2015 l-atti tal-kawża f'isem Giovanna Mizzi ġew trasfużi f'isem Maria Theresa magħrufa bħala Marthese Mizzi *stante* l-mewt tagħha, Mosè Muscat u b'digriet tal-31 ta' Lulju 2014 l-atti tal-kawża f'isem Mosè Muscat ġew trasfużi f'isem Costantino Muscat, Costanza Cassar, Giovanna Mizzi, Carmela Muscat Camilleri u Charles Muscat *stante* l-mewt tiegħu, Mary Anne Muscat bħala eredi ta' żewġha Rosario Muscat, Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina *sive* Connie Cassar, Maria Carmela Muscat; Peter Muscat u b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2014 l-atti tal-kawża f'isem Peter Muscat ġew trasfużi f'isem martu Michelina Muscat u wliedu Carmel Muscat, Catherine Zammit, Martina Bugeja, Angela Sciberras, Alfred Muscat, Anna Griscti u Josephine Saliba *stante* l-mewt tiegħu; Marguerite Vella f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-assenti Carmen Zerafa, Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar li b'nota tal-11 ta' Ottubru**

**2011 ċediet l-atti tal-kawża, Carmel Muscat, Teresa Muscat li b'Nota tal-11 ta' Ottubru 2011 ċediet l-atti tal-kawża, Grace Saliba f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-assenti Concetta *sive* Connie Carr li b'Nota tal-11 ta' Ottubru 2011 ċediet l-atti tal-kawża, John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri, Emanuela Schembri u Rita Theuma; Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia (ID 155852M)**

**v.**

**Nazzareno *sive* Reno Muscat u Anna Muscat u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2022 Anna Muscat assumiet l-atti f'isem żewġha d-defunt Nazzareno Muscat *sive* Reno Muscat; u b'digriet tal-1 ta' Diċembru 2011 ġew kjamati in kawża Maria Concetta *sive* Cettina Carr; Mary Rose sive Rose Buhagiar u Theresa Muscat; u b'digriet tas-17 ta' Settembru, 2024, Dr. Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina di Noto ġew nominati bħala kuraturi *ad litem* għall-interess tal-mejta Mary Rose Buhagiar**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-konvenuta Anna Muscat, kif ukoll dwar appell inċidentali tal-atturi Publius Farrugia, Joseph Farrugia (K.I. 330585M) u Charles Farrugia minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ġunju, 2022, li biha ċaħdet il-kontrotalba tal-konvenuti Muscat u laqgħet it-talbiet tal-atturi għall-qasma tal-ġid li ġie għandhom mill-wirt tal-miżżewġin Giovanni u Angela Muscat.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-19 ta' Ottubru, 2010, l-atturi fissru li huma flimkien mal-konvenuti jżommu bosta ħwejjeġ b'mod komuni bejniethom, li wirtu mingħand l-axxendenti tagħhom Giovanni u Angela Muscat.

3. Fuq il-premessa li huma jixtiequ l-qasma ta' dan il-wirt, l-atturi ressqu din il-kawża li biha talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

*«1. Tillikwida l-assi konjugali ta' John u Angela miżżewġin Muscat.*

*2. Tordna d-diviżjoni tal-assi f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja waħda lill-assi partikolari ta' John Muscat u l-oħra lill-assi partikolari ta' Angela Muscat.*

*3. Tillikwida l-assi partikolari ta' John Muscat u tiddikjara li tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.*

*4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Angela Muscat u tiddikjara li tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.*

*5. Tiddividi l-ġid bejn il-kontendenti skont il-kwota li kull wieħed mill-partijiet jiġi ddikjarat li għandu dritt għaliha.*

*6. Tiddividi r-razzett b'ġardina miegħu li jinsab fil-limiti taż-Żurrieq fit-triq tal-Maċina kontrada Tan-Nigret hekk ukoll imsejjaħ ta' Zitellu, bejn l-intimati bħala werrieta ta' Emanuel u Victor aħwa Muscat, u r-rikorrenti bħala l-werrieta ta' Giuseppa Muscat u l-werrieta wkoll ta' Francis Muscat, minn liema wirt l-intimat għandu sehem ukoll.*

*7. Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni.*

*8. Tinnomina Nutar sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun u kuratur għall-eventwali kontumaċi.*

*9. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li mhuwiex komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

4. Bi tweġiba maħlufa tad-19 ta' Novembru, 2010, il-konvenuti Nazzareno Muscat u martu Anna Muscat laqgħu għall-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament, illi mhux minnu li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr taw l-inkarigu lil Costantino Muscat jew lil Joseph Muscat jew lil xi avukat biex jibagħtu ittra uffiċjali bħal dik tal-21 ta' Ottubru 2010 jew biex jiftħu kawża kontra l-esponent Nazzareno Muscat*

*— u dan kif jirriżulta mill-annessi tliet (3) dikjarazzjonijiet magħmula mill-imsemmija Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr. Għalhekk, din il-kawża saret abbużivament u illegalment.*

*2. Preliminarjament, illi l-azzjoni għal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarji ta' John u Angela miżżewġin Muscat li mietu fl-1961 u 1974 rispettivament tinsab preskritta bit-trapass ta' sitta u tletin sena (36), bil-preskrizzjoni ta' għaxar (10) snin ai termini* ***tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet)****. Fl-1974 l-attur Costantino Muscat kien ġie inkarigat miz-zijiet tiegħu biex jieħu ħsieb is-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom, ċjoè tal-imsemmija John u Angela miżżewġin Muscat u kif ukoll ta' binthom prelegatarja Giuseppa Muscat li wkoll mietet fis-sena 1974 bħal ommha Angela, għalhekk għaddew 36 sena.*

*3. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju, illi l-ġudizzju mhux integru għaliex tħallew barra diversi persuni:*
*a) L-attur Peter Muscat huwa mejjet;*
*b) L-attur Rosario Muscat huwa mejjet;*
*c) L-atturi Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia kellhom ħuhom ieħor li miet Mikelangelo Farrugia;*
*d) L-attriċi «Catherine mart Publius Farrugia» hija persuna barranija li għandu relazzjoni magħha l-istess Publius Farrugia.*

*4. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, peress li l-kawża odjerna hija għal-likwidazzjoni u diviżjoni ta' eredità u l-atturi qegħdin jippretendu li huma komproprjetarji «pro indiviso» tal-assi ereditarji, din tolqot intimament l-interessi tal-werrieta ossia komproprjetarji kollha tal-assi ereditarji, u għalhekk ikun meħtieġ li jipparteċipaw fil-proċeduri dawk kollha li għandhom sehem mill-imsemmija eredità, altrimenti kull sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tkun monka, inkwantu wħud minn dawk li għandhom sehem u li tħallew barra mill-proċeduri jiġu, b'dawn l-omissjonijiet, iddikjarati li m'għandhomx sehem jew interess fl-imsemmija eredità u dan skont provvediment mogħti fil-11 ta' Marzu, 1998, fil-kawża numru 592/1996 fl-istess ismijiet.*

*5. Illi z-zijiet li kienu għadhom ħajjin wara l-mewt tat-tliet prelegatarji Giuseppa Vittorio u Emmanuele, u ċjoè Carmelo, Francesco, Salvatore, Pietro, Salvina mart Carmelo Farrugia lkoll aħwa Muscat, ħadd minnhom ma kkontesta l-fatt li r-razzett għadda bl-akkrexximent u mbagħad bil-volontà espressa ta' Vittorio u Emmanuele aħwa Muscat, fuq l-esponenti Nazzareno u Anna miżżewġin Muscat.*

*6. Illi għalhekk l-azzjoni ma tistax titmexxa 'l quddiem.*

*7. Fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqqilhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra dawk l-atturi li huma responsabbli li mexxew din il-kawża.*

*8. Salv eċċezzjonijiet oħra.»*

5. Nazzareno Muscat u martu Anna Muscat inqdew bit-tweġiba maħlufa tagħhom, biex ressqu wkoll kontrotalba. Hemmhekk huma insistew li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta magħrufa bħala Connie Carr ma ridux iressqu din il-kawża kontrihom. Ċaħdu li dawn qabbdu lil Constantino Muscat, Joseph Muscat, jew inkella lil xi avukat sabiex iniedu dawn il-proċeduri kontrihom, u għalhekk ilmentaw li din il-kawża tressqet kontrihom b'abbuż. Kemm minħabba f'hekk, kif ukoll fuq l-ilment li l-għemil tal-atturi ġab fuqhom il-ħsara, il-konvenuti Nazzareno u martu Anna Muscat talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

*«1. Tiddikjara lill-atturi kollha salvi Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr responsabbli għad-danni kkawżati lill-esponenti Nazzareno u Anna konjuġi Muscat talli istitwew proċeduri kontra tagħhom b'mod abbużiv u illegali għad-dannu tagħhom.*

*(2) Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti u li qegħdin isofru l-esponenti konjuġi Muscat.*

*(3) Tikkundanna lill-atturi jew min minnhom, ħlief Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr biex iħallsu lill-esponenti in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat.*

*(4) Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-atturi għas-subizzjoni.»*

6. Min-naħa tagħhom, bi tweġiba maħlufa tad-9 ta' Diċembru, 2010, l-atturi, laqgħu għall-kontrotalba tal-konvenuti b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament, in-nullità tat-talba rikonvenzjonali stante li l-konvenuti rikonvenjenti m'ottemperawx ruħhom mal-***Artikolu 398(1) tal-Kap. 12***, li jgħid illi «l-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontrotalba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat»;*

*2. Preliminarjament ukoll, in-nullità tat-talba rikonvenzjonali stante li l-konvenuti rikonvenjenti m'ottemperawx ruħhom mal-***Artikolu 398(2) tal-Kap. 12***, li jgħid illi «il-konvenut għandu, dwar il-kontrotalba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.» Tant hu hekk, li l-atturi rikonvenuti ma rrealizzawx bit-talba rikonvenzjonali u kien biss meta*

*d-difensur tagħhom eżamina l-atti fl-aħħar mumenti qabel skada t-terminu għar-risposta, li skopra dan id-dokument;*

*3. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-kontrotalba hi waħda minn sensiela ta' proċeduri frivoli u vessatorji intavolati mill-konvenuti rikonvenjenti biex jiddilungaw l-inevitabbli, u ċjoè li ssir id-diviżjoni mitluba mill-atturi. Diġà kellhom pluralità ta' pronunzjamenti ġudizzjarji f'dan is-sens. Illi hu ovvju li l-konvenuti rikonvenjenti la sofrew u lanqas jistgħu qatt jirreklamaw xi danni mingħand l-atturi, u dana peress illi huma mhux biss ma sofrew l-ebda danni iżda l-atturi eżerċitaw jedd spettanti lilhom skont il-ligi, liema jedd huma eżerċitawh mingħajr ebda vessatorjetà u/jew mala fede. Għalhekk ma huma passibbli għal ebda danni. Jekk hemm xi ħadd li hu passibbli għad-danni, dawn huma l-konvenuti rikonvenjenti li qegħdin b'mod persistenti jfixklu lill-atturi rikonvenuti fit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom, u qegħdin frivolożament jirrifjutaw li jersqu għad-diviżjoni ta' din il-proprjetà;*

*4. Illi l-kontrotalba hi għalhekk mingħajr ebda bażi legali, hi infondata u ġuridikament insostenibbli u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenuti rikonvenjenti;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti rikonvenjenti u bl-inġunzjoni tagħhom għas-subizzjoni.»*

7. Bi tliet noti maħlufa tal-11 ta' Ottubru, 2011 (f'paġni 213, 214 u 215 tal-atti tal-kawża), Mary Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta magħrufa bħala Connie Buhagiar, stqarrew li huma qatt ma riedu jkunu fost l-atturi f'din il-kawża u li isimhom tniżżel fost il-lista tal-atturi mingħajr il-kunsens tagħhom. Fid-dawl ta' dan, dawn it-tlieta ċedew l-atti tal-kawża.

8. B'digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru, 2011 (f'paġni 239 sa 240 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti, fuq talba tal-atturi, sejħet fil-kawża lill-istess Mary Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta magħrufa bħala Connie Buhagiar.

9. Dawn it-tlieta għażlu li ma jressqu l-ebda tweġiba għall-kawża, u b'nota tal-21 ta' Diċembru, 2011 (f'paġni 242 sa 248 tal-atti tal-kawża), huma għarrfu lill-Qorti, li fil-jum ta' qabel, ressqu nota maħlufa quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), li biha rrinunzjaw għal sehemhom mill-wirt tan-nanniet tagħhom Giovanni u Angela Muscat.

10. B'sentenza mogħtija fit-22 ta' Mejju, 2012 (f'paġni 256 sa 269 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Nazzareno u Anna Muscat billi ċaħditha.

11. Ftit taż-żmien wara, b'sentenza oħra mogħtija fit-28 ta' Novembru, 2013 (f'paġni 419 sa 437 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ċaħdet ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-istess konvenuti.

12. Aktar tard, b'sentenza tat-8 ta' Ġunju, 2022 (f'paġni 973 sa 1015 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi: (i) ċaħdet il-kontrotalba tal-konvenuti Nazzareno u martu Anna Muscat; (ii) żammet lura milli tieħu qies tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Nazzareno u Anna Muscat, kif ukoll tat-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi; (iii) ċaħdet ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Nazzareno u Anna Muscat; (iv) laqgħet l-ewwel, il-ħames u s-sitt talbiet tal-atturi, u fid-dawl ta' dan, likwidat l-assi tal-miżżewġin Giovanni u Angela Muscat u qassmithom bil-mod kif imfisser fil-qafas tal-istess sentenza; (v) laqgħet is-seba' u t-tmien talbiet tal-atturi billi ħatret lin-Nutar Pubbliku Annmarie

Saywell sabiex tippubblika l-atti pubbliċi kollha meħtieġa għall-qasma tal-ġid inkwistjoni, kif ukoll lill-Avukat Mark Anthony Mifsud Cutajar sabiex jirrappreżenta lil kull min jonqos milli jidher għal dawk l-atti; u (vi) laqgħet id-disa' talba tal-atturi f'parti minnha, billi ordnat li dawk il-proprjetajiet li ġew assenjati lill-atturi għandhom jinbiegħu b'liċitazzjoni bi tħaddim tal-**Artikolu 517 tal-Kodiċi Ċivili**, u bis-sehem ta' offerenti terzi.

13. Għall-għanijiet tal-proċedura dwar il-bejgħ b'liċitazzjoni, l-Ewwel Qorti ħatret lill-Perit Mario Cassar sabiex iħejji dawk il-pjanti kollha meħtieġa fi żmien ta' tletin jum minn meta s-sentenza tgħaddi f'ġudikat, u dan bil-għan li dak kollu deċiż bis-sentenza, jitwettaq. L-Ewwel Qorti tat ukoll struzzjonijiet li:*«[i]r-rapport (a fol. 799 et seq.) rivedut mill-Perit Mario Cassar għandu jkun il-bażi għal bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjetà allokata lill-atturi permezz ta' din is-sentenza»,* u ordnat li l-proċess tal-bejgħ b'liċitazzjoni għandu jinbeda fi żmien ġimagħtejn minn meta jiġi ppubblikat u reġistrat il-kuntratt pubbliku dwar il-qasma tal-wirt inkwistjoni.

14. Fl-aħħar nett, l-Ewwel Qorti ordnat li d-dħul mill-bejgħ b'liċitazzjoni għandu jinqasam bejn l-atturi skont l-ishma rispettivi tagħhom hekk kif imfisser fil-qafas tas-sentenza.

15. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

*« Illi din il-kawża tirrigwarda diviżjoni ta' proprjetà li hija in komuni bejn l-*

*atturi u Nazzareno u Anna konjuġi Muscat liema proprjetà ġejja mill-wirt ta' Giovanni u Angela konjuġi Muscat. Il-konjuġi Giovanni u Angela Muscat kellhom tmien ulied: Giuseppa, Vittorio, Emmanuele, Francesco, Carmelo, Salvatore, Pietro u Salvina.*

*Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:*

- *Permezz ta' testment (a fol. 75 et seq.) tas-17 ta' Jannar 1957 fl-atti tan-Nutar Nicola Said, il-konjuġi Giovanni u Angela Muscat iddisponew mill-proprjetà immobbli tagħhom (li hija l-materja ta' din il-kawża) bil-mod kif isegwi:*

    - *Fir-Raba' Artikolu tat-testment huma ħallew b'titlu ta' prelegat ir-razzett bil-ġardina miegħu msejjah «Ta' Zitellu», fi Triq tal-Maċina kontrada tan-Nigret lil uliedhom Vittorio, Emmanuele u Giuseppa f'porzjonijiet ugwali bi dritt ta' akrexximent bejn l-istess prelegatarji fil-każ ta' żwieġ jew mewt ta' wieħed mill-prelegatarji qabel il-mewt tat-testaturi. Dan kien jinkludi wkoll il-flus kollha li kien hemm fir-razzett fil-mument tal-mewt tat-testaturi.*

    - *Fis-Sitt Artikolu tat-testment tagħhom huma nnominaw lill-uliedhom kollha bħala eredi universali fi kwoti ndaqs bejniethom.*

- *Filwaqt li Giovanni Muscat jirriżulta li miet fil-11 ta' Awwissu 1961 (a fol. 64), martu Angela Muscat mietet fis-17 ta' Marzu 1974 (a fol. 52).*

- *Mhuwiex ikkontestat li Giuseppa, Vittorio u Emmanuele mietu mingħajr ma kienu żżewġu, li ma kellhomx ulied u li kollha kemm huma mietu wara l-ġenituri tagħhom:*

    - *Giuseppa Muscat mietet fil-11 ta' April 1974 (a fol. 38). Hija mietet intestata.*
    - *Emmanuele Muscat miet fit-22 ta' Diċembru 1992 (a fol. 8).*
    - *Vittorio Muscat miet fit-28 ta' Ottubru 1994 (a fol. 24).*

- *Permezz ta' testment (a fol. 25 et seq.) tad-9 ta' Diċembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace, Vittorio Muscat, li wkoll miet għażeb, innomina bħala eredi tiegħu lin-neputi tiegħu Nazzareno Muscat u l-mara tiegħu Anna Muscat.*

- *Permezz ta' testment (a fol. 9 et seq.) tad-9 ta' Diċembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace, Emmanuele Muscat, li miet għażeb, innomina bħala eredi tiegħu lin-neputi tiegħu Nazzareno Muscat u l-mara tiegħu Anna Muscat.*

- *Francesco Muscat, missier Nazzareno Muscat, jirriżulta li miet fis-*

*27 ta' April 1991 (a fol. 42).*

...

*Eċċezzjonijiet Tal-Konvenuti Għar-Rikors Maħluf Tal-Atturi (a fol. 128 et seq.):*

...

*Ir-Raba' (4) Eċċezzjoni:*

*Illi dwar din l-eċċezzjoni mressqa jingħad li l-ġudizzju mhux ser ikun integru minħabba li għad jonqos xi nies li għandhom interess fil-kawża u li ma humiex fil-kawża.*

*Illi l-Qorti tinnota li t-tielet eċċezzjoni tixbah ir-raba' eċċezzjoni minħabba li fit-tielet eċċezzjoni jingħad li xi werrieta kienu nieqsa waqt li fir-raba' eċċezzjoni tgħid l-istess ħaġa imma b'mod aktar ġeneriku.*

*Illi l-Qorti hi tal-fehma li dawk kollha li mill-atti jirriżulta li huma werrieta qegħdin rappreżentati fl-okkju tal-kawża. Stabbilit dan tibqa' l-kwistjoni sollevata mill-konvenuti permezz ta' nota ppreżentata fid-9 ta' Ġunju 2016 (a fol. 871) fejn jingħad li fit-trasfużjoni tal-atti ta' Mosè Muscat tħalla barra t-tifel tiegħu li joqgħod l-Ingilterra u li jirriżulta mit-testment tal-istess Mosè Muscat li dan tħallilu l-porzjon riżervata u ċjoè l-leġittima.*

*Illi f'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar 2005 fl-ismijiet* ***Edgar Galea noe et v. Alfred Sant Fournier et*** *(Numru 790/2001/1) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet is-segwenti:*

> *«Jeżistu mbagħad deċiżjonijiet li jsostnu illi għalkemm hu veru li l-avveniment tal-mewt ta' waħda mill-partijiet meta l-kawża għad mhix konkluża topera neċessarjament l-interruzzjoni tal-ġudizzju, tali prinċipju ma jibqax hekk assolut meta simili interruzzjoni tavvera ruħha fiż-żmien li l-kawża tkun waslet fl-istat li tiġi ġudikata (Kollez. Vol. XLVIII P II p 858). Jingħad ukoll però li eċċezzjoni simili mhix assoluta, imma relattiva, u tmiss biss lill-persuna li għandha l-istess interess li kellha l-persuna mejta «perché questa eccezzione non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto» -* ***Giuseppe Pace v. Consolata Camilleri****, Appell Ċivili, 4 ta' Ġunju 1923;* ***Carmela Mallia v. Beatrice Camilleri****, Appell Ċivili, 21 ta' Ottubru 1988).» [enfasi miżjuda]*

*Illi, b'applikazzjoni ta' dak li ġie kwotat hawn fuq, huma l-eredi tal-mejjet Mosè Muscat li għandhom għalhekk id-dritt iressqu l-eċċezzjoni in eżami.*

*Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, ma nġabet l-ebda prova mill-konvenuti sabiex tikkorrobora l-fatt li l-parti riżervata lit-tifel ta' Mosè Muscat ma tistax tiġi sodisfatta minn xi parti oħra tal-assi li kienu ta' Mosè Muscat.*

*Għaldaqstant, l-eċċezzjoni in eżami ser tiġi miċħuda.*

…

*<u>Talbiet Kontenuti Fir-Rikors Maħluf Tal-Atturi</u>*
*<u>(a fol. 1 et seq.)</u>:*

*<u>L-Ewwel (1) Talba</u>:*

*Illi f'din l-ewwel talba l-atturi jitolbu li jiġu likwidati l-assi ta' Giovanni [John] u Angela konjuġi Muscat. Il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ordnat il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 (a fol. 417) meta tat żmien lill-atturi sabiex permezz ta' Nota Maħlufa ppreżentata fir-Reġistru jindikaw il-proprjetà kollha illi skont huma għandha tkun il-mertu tad-diviżjoni.*

*Illi kemm min-Nota Maħlufa tal-atturi ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2013 (a fol. 439), kemm min-Nota Maħlufa tal-konvenuti ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2014 (a fol. 444 et seq.) u kif ukoll mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta li l-assi ta' Giovanni u Angela konjuġi Muscat li jridu jiġu likwidati huma s-segwenti:*

- *razzett u ġardina magħrufa «Ta' Zitellu», f'Curved Street ġa Triq tal-Maċina kontrada tan-Nigret, Żurrieq;*

- *fond Numru 51, Mill Street, Żurrieq;*

- *fond Numru 13, Nigret Junction kantuniera ma' Mill Street, Żurrieq;*

- *għalqa f'Santa Marija, Bubaqra.*

*Illi, sabiex dawn l-assi jkunu jistgħu jiġu likwidati, il-Qorti sejra tistrieħ fuq il-valutazzjoni magħmula mill-Perit Mario Cassar u dana fid-dawl tal-fatt li l-Qrati tagħna ripetutament stqarrew li parir ta' espert tekniku ma jistax jiġi mwarrab b'mod leġġer.*

*...*

*<u>Il-Ħames (5) u s-Sitt (6) Talba</u>:*

*Illi f'dawn it-talbiet il-Qorti ġiet mitluba:*

- *taqsam il-ġid bejn il-kontendenti skont il-kwota li jiġi ddikjarat li għandhom dritt għalih;*

- *tiddividi r-razzett b'ġardina msejjaħ «Ta' Zitellu», li jinsab fil-limiti taż-Żurrieq, fi Triq il-Maċina, kontrada tan-Nigret.*

*Illi l-Qorti ser l-ewwel tagħmel analiżi għal kull proprjetà sabiex tiddetermina l-ishma dovuti lill-konvenuta u lill-atturi kumulattivament u wara tgħaddi sabiex tiddividi l-proprjetà, inkluż ir-razzett.*

*…*

*<u>Razzett u Ġardina magħrufa «Ta' Zitellu», f'Curved Street ġa Triq tal-Macina, kontrada tan-Nigret, Żurrieq</u>:*

*Illi dan ir-razzett ġie mħolli bħala prelegat lil tlieta mill-aħwa u ċjoé Giuseppa, Emmanuele u Vittorio. Filwaqt li Vittorio u Emmanuele ħallew il-porzjoni spettanti lilhom lil Nazzareno u lil martu Anna, Giuseppa mietet intestata u konsegwentement il-wirt tagħha jrid jinqasam fuq ħutha kollha. Għalhekk lill-konvenuta jispetta:*

- *38.0952% derivanti mill-wirt ta' Emmanuele Muscat: rappreżentanti inkwantu għal 33.3333% porzjon derivanti direttament mill-prelegat u inkwantu għal 4.7619% rappreżentanti sehmu mill-eredita ta' oħtu Giuseppa Muscat; u*

- *38.0952% derivanti mill-wirt ta' Vittorio Muscat: rappreżentanti inkwantu għal 33.3333% porzjon derivanti direttament mill-prelegat u inkwantu għal 4.7619% rappreżentanti sehmu mill-eredita ta' oħtu Giuseppa Muscat.*

*Illi mhuwiex ikkontestat li Nazzareno Muscat imissu wkoll parti mis-sehem li missieru kien wiret mis-sehem ta' oħtu. Għalkemm ma hemmx prova ta' kif għandu jinqasam il-wirt ta' Francesco Muscat, il-Qorti tinnota li dak li hemm imniżżel a fol. 98 mhux ikkontestat u għalhekk il-Qorti sejra tistrieħ fuqu. Jirrizulta li Francesco Muscat kellu ħdax (11) -il wild u għalhekk il-porzjoni spettanti lilu mis-sehem li wiret missieru hija ta' 0.4329% li huwa rriżultat tad-diviżjoni ta' porzjon li wiret missieru bejn ħdax-il aħwa.*

*Għaldaqstant permezz tal-operat tat-testment ta' Nazzareno Muscat, il-perċentaġġ li jispetta lill-konvenuta hu ta' 76.6233%. Min-naħa 'l oħra l-porzjon spettanti lill-atturi hija ta' 23.3767%.*

*Illi konsegwentement meta dawn il-konteġġi jiġu mqabbla ma' dak li ġie stmat mill-Perit Mario Cassar fir-rapport tiegħu (a fol. 799 et seq.) jirrizulta li l-konvenuta jmissha l-ekwivalenti ta' €1,060,159.98 mill-valur tar-razzett u tal-ġardina waqt li l-atturi jmisshom €323,440.02.*

*<u>Fond bin-Numru 51, Mill Street, Żurrieq</u>:*

*Illi dan il-fond ma kienx jifforma parti mill-prelegat mħolli lit-tliet aħwa mhux miżżewġa u għalhekk kien maqsum mal-aħwa kollha u ċjoè tmienja. Dan ifisser li kull wieħed mill-aħwa wiret 12.5% mill-proprjetà. Peress li Giuseppa mietet intestata s-sehem tagħha jinqasam fuq is-seba' aħwa skont ma' jipprovdi **Artikolu 812 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jissarraf f'perċentaġġ ta' 1.7857%, liema persentaġġ jgħaddi fuq is-seba' ħutha.*

*Għaldaqstant, Nazzareno flimkien ma' martu Anna Muscat wirtu s-segwenti:*

- *14.2857% mingħand Vittorio Muscat. Dan l-ammont huwa kompost inkwantu għal 12.5% ġej mis-sehem li Vittorio Muscat wiret minn għand il-ġenituri tiegħu waqt li 1.7857% ġej mis-sehem li Vittorio Muscat wiret mingħand oħtu Giuseppa Muscat;*

- *14.2857% mingħand Emmanuele Muscat. Dan l-ammont huwa kompost inkwantu għal 12.5% ġej mis-sehem li Emmanuele Muscat wiret minn għand il-ġenituri tiegħu waqt li 1.7857% ġej mis-sehem li Emmanuele Muscat wiret minn għand oħtu Giuseppa Muscat; u*

- *1.298% minn għand missieru b'dan illi 1.136% irċevihom direttament minn għand il-porzjon illi Francesco Muscat wiret minn għand il-ġenituri tiegħu waqt li 0.1623% huma derivanti minn għand is-sehem li Francesco Muscat wiret minn għand oħtu Giuseppa Muscat. B'operat tat-testment ta' Nazzareno Muscat wirtet kollox martu Anna Muscat.*

*Illi l-Qorti ma qablitx mal-konteġġi tal-atturi (a fol. 100) minħabba li tħalliet barra l-parti li Nazzareno Muscat wiret minn għand missieru.*

*Illi għaldaqstant is-sehem ta' Anna Muscat minn dan il-fond huwa dak ta' 29.869% waqt li sehem l-atturi huwa 70.131%. Meta dawn il-konteġġi jiġu mqabbla ma' dak li ġie stmat mill-Perit Mario Cassar fir-rapport tiegħu (a fol. 799 et seq.) jirriżulta li l-konvenuta jmissha l-ekwivalenti ta' €23,895.20 mill-fond bin-numru 51, Mill Street, Żurrieq waqt li l-atturi għandhom sehem ta' €56,104.80.*

*<u>Fond bin-Numru 13, Nigret Junction kantuniera ma' Mill Street, Żurrieq</u>:*

*Illi għal dan il-fond japplikaw l-istess raġunamenti li ġew applikati għall-fond bin-numru 51, Mill Street, Żurrieq u konsegwentement japplikaw l-istess perċentaġġi. Għaldaqstant is-sehem tal-konvenuta Anna Muscat minn dan il-fond huwa dak ta' 29.869% waqt li s-sehem tal-atturi huwa 70.131%. Dan ifisser li, meħud inkonsiderazzjoni r-rapport (a fol. 799 et seq.) redatt mill-Perit Mario Cassar, minn dan il-fond il-konvenuta għandha sehem ta' €34,349.35 waqt li l-atturi għandhom sehem ta' €80,650.65.*

*<u>Għalqa f'Santa Marija, Bubaqra</u>:*

*Illi anke hawn japplikaw l-istess raġunamenti li ġew applikati għall-fond bin-Numru 51, Mill Street, Żurrieq u b'hekk japplikaw l-istess persentaġġi. Għaldaqstant, peress li s-sehem tal-konvenuta Anna Muscat minn dan il-fond huwa dak ta' 29.869% u s-sehem tal-atturi huwa 70.131% ifisser li wara tittieħed il-valutazzjoni milħuqa mill-Perit Mario Cassar fir-rapport tiegħu (a fol. 799 et seq.) jirriżulta li l-konvenuta għandha sehem ta' €20,340.79 waqt li l-atturi għandhom sehem ta' €47,759.21.*

***Illi magħmula dawn il-konteġġi jirriżulta għalhekk li s-segwenti huwa l-valur komplessiv li l-konvenuta u l-atturi għandhom mill-wirt ta'***

***Giovanni u Angela konjuġi Muscat.***

| | Konvenuta | Atturi |
|---|---|---|
| ***Razzett u Ġardina magħrufa Ta' Zitellu*** | ***€1,060,159.98*** | ***€323,440.02*** |
| ***51, Mill Street, Żurrieq*** | ***€23,895.20*** | ***€56,104.80*** |
| ***13, Nigret Junction, Żurrieq*** | ***€34,349.35*** | ***€80,650.65*** |
| ***Għalqa, f'Bubaqra*** | ***€20,340.79*** | ***€47,759.21*** |
| ***TOTAL*** | ***€1,138,745.32*** | ***€507,954.68*** |

*Porzjonijiet dovuti lill-partijiet:*

*Illi, wara li ġie stabbilit dan ta' hawn fuq, il-Qorti sejra tidentifika l-porzjonijiet dovuti lill-partijiet sabiex wara tara jekk u kif dawn jistgħu jiġu diviżi. Ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni dwar l-Arblu Ġeneologiku (a fol. 94) u l-Qorti ser isserraħ fuqu ġaladarba mhux merut minn dokumenti uffiċjali.*

*Illi apparti Emmanuele, Vittorio u Giuseppa Muscat (li dak li kellu jingħad dwarhom ingħad aktar 'il fuq) jonqos ħames aħwa oħra wlied Giovanni u Angela konjuġi Muscat. Ġaladarba jonqos dawn il-ħames ulied oħra, il-Qorti ser taqsam il-porzjon spettanti lilhom f'ħames pakketti. B'dana illi Carmelo, Salvatore, Pietro u Salvina (ċjoè erbgħa mill-aħwa ulied Giovanni u Angela Muscat) jieħdu l-istess pakkett waqt li t-tfal ta' Francesco Muscat jieħdu pakkett ftit iżgħar minħabba li porzjon żgħira minnu ekwivalenti għal 4.327% għaddiet lil Nazzareno Muscat. Għaldaqstant ulied Francesco Muscat jieħdu bejniethom pakkett ta' €98,043.56 waqt li l-werrieta tal-erba' aħwa l-oħra jieħdu pakkett ta' €102,477.78 kull wieħed.*

*Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex taqsam il-porzjonijiet skont l-Arblu Ġeneoloġiku (a fol. 94) u ser tagħmel il-kalkoli tagħha persuna persuna.*

*…*

*Salvina Farrugia née Muscat*

*Illi permezz ta' testment (a fol. 120 et seq.) Salvina Muscat [recte: Farrugia] ħalliet ħames eredi li huma: Mikielangelo Farrugia, Joseph Farrugia, Mario Farrugia u Pupull u martu Catherine Farrugia. Il-Qorti jirriżultalha b'mod ċar li Mario u Joseph imisshom kull wieħed kwart (1/4) indiviż tal-proprjetà li Salvina Muscat [recte: Farrugia] irċeviet mingħand il-ġenituri tagħha waqt li Pupull u martu Catherine wirtu nofs indiviż li fadal fi kwoti indaqs. Jidher ukoll mid-dikjarazzjoni causa mortis (a fol. 461) li l-aħwa Farrugia wirtu fi kwoti indaqs bejniethom dak li kien ta' Mikielangelo*

*Farrugia.*

*Illi jirriżulta li fil-mori tal-kawża mietet Catherine Farrugia tant li l-atti tagħha ġew trasfużi f'isem Publius Farrugia, Joseph Farrugia u Charles Farrugia (a fol. 860 et seq.).*

*Illi għaldaqstant din il-Qorti tistabbilixxi li l-ammont ta' €102,477.78 għandu jinqasam billi nofsu jmur għand Publius u wliedu Joseph Farrugia u Charles Farrugia b'dana illi Publius jiret kwart indiviż minħabba li Salvina Muscat [recte: Farrugia] ħalliet lilu u lil martu werrieta fi kwoti indaqs waqt li jiret sehem minn tmienja b'operazzjoni ta'* ***Artikolu 808 tal-Kodiċi Ċivili****. Il-parti li tibqa' tgħaddi fuq uliedu permezz tal-istess artikolu fi kwoti indaqs bejniethom. Ir-rimanenti nofs mill-wirt li Salvina Farrugia rċeviet minn għand il-ġenituri tagħha jmur għand Mario Farrugia u Joseph Farrugia fi kwoti ndaqs bejniethom.*

*<u>Diviżjoni tal-ġid</u>:*

*Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tiddividi l-ġid bejn il-kontendenti inkluż ir-razzett. Il-Qorti ser tibda billi teżamina jekk tistax taqsam ir-razzett bil-ġardina hekk kif inhu mitlub mill-atturi.*

*Illi filwaqt li l-Qorti tinnota d-dikjarazzjoni li saret mill-partijiet fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2015 (a fol. 660 et seq.) li tliet fondi mhumiex komodament diviżibbli, fl-ewwel rapport tiegħu l-Perit Mario Cassar qal li tali proprjetà hija faċilment diviżibbli (a fol. 811). Il-Qorti tinnota wkoll li x-xewqat tal-partijiet hi li r-razzett u l-ġardina jibqgħu unità waħda.*

*Illi qabel ma' l-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet legali tagħha hija għad trid tagħmel l-aħħar konteġġi sabiex tara x'ekwiparazzjoni jkun hemm bżonn u allura kif u jekk tistax issir id-diviżjoni tal-ġid kollu inkwistjoni.*

*Illi mill-konteġġi li l-Qorti għamlet iktar 'il fuq, jekk il-porzjon tal-proprjetà li kienet tmiss lil Nazzareno Muscat u/jew lil martu għajr għar-razzett bil-ġardina tgħaddi għand l-atturi jirriżulta li huma jkunu għaddew €78,585.33. Meta dan jiġi mnaqqas mis-sehem li l-atturi għandhom mir-razzett bil-ġardina l-ekwiparazzjoni dovuta lill-atturi tkun tammonta għal €244,845.70. Fl-opinjoni tal-Qorti dan l-ammont ta' ekwiparazzjoni huwa għoli wisq u konsegwentement huwa bżonnjuż li l-Qorti tara jekk hemmx assi oħra li jistgħu jpattu għal din l-ekwiparazzjoni. Magħdud ma' dan, il-Qorti ma tistax tilqa' x-xewqa tal-partijiet li r-razzett bil-ġardina jibqgħu unità waħda.*

*Illi fl-aħħar mill-aħħar ġaladarba l-partijiet ma seħħilhomx jaslu għal diviżjoni issa jispetta lill-Qorti li tespleta dan l-oneru. Dan huwa wkoll ir-raġunament espress mill-Qorti fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet* ***Malaga Enterprises Limited et v. Duminku Cutajar (Numru 244/14/1)*** *fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

> *«Fl-istess vena legali, il-Qorti tosserva iżda, li għalkemm naturalment l-osservazzjonijiet tekniċi tal-espert inkarigat għandhom il-piż tagħhom, il-*

*punt jekk il-proprjetà hijiex jew le komodament diviżibbli u tista' tinqasam bla ħsara jew diskapitu huwa mħolli fid-deskrizzjoni tal-Qorti li għandha tiddeċiedi hi dan l-aspett skont iċ-ċirkostanzi.»*

*Illi l-ġardina mingħajr ir-razzett ġiet stmata għal €684,600 u għandha kejl ta' 1630 metru kwadru. Dan ifisser li għandha valur ta' €420 kull metru kwadru. Għaldaqstant, il-porzjon tal-ġardina li trid tgħaddi fuq l-atturi sabiex tpatti għal ekwiparazzjoni dovuta hija ta' 582.96 metru kwadru. Dan iħalli 1047.04 metru kwadru għall-konvenuta u b'hekk kull parti tkun ħadet dak li ħaqqha mill-eredità ta' Ġiovanni u Angela konjuġi Muscat.*

*Illi l-Qorti ser tara jekk id-diviżjoni bħal dik proposta hijiex legalment aċċettabbli.* ***Artikolu 504 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta*** *jistabbilixxi li:*

*«Meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam l-ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet; u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantità ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur».*

*Illi dan l-artikolu għalhekk jimponi, fost rekwiżiti oħra, li għandu jiġi evitat li jinħolqu servitujiet. In vista tal-fatt li l-ġardina hija mdawra bi tliet toroq, hekk kif imfisser fil-pjanta li tinsab a fol. 815, jekk il-ġardina tinqasam b'mod lineari sa fejn dan huwa possibbli fejn il-parti li tmiss lill-atturi tittieħed mill-ponta fejn Sqaq Franzina jmiss ma' Triq Wied Ganu ma għandha tiġi kkreata l-ebda servitù waqt li tiġi salvagwardjata l-integrità tar-razzett ma' parti adjaċenti mill-istess ġardina. B'din il-qasma l-partijiet ikunu qed jieħdu l-porzjoni kollha li tmiss lilhom u ma jkun hemm bżonn l-ebda ekwiparazzjoni. Ta' min jikkunsidra wkoll li f'dan ix-xenarju r-razzett u l-bqija tal-ġardina tiġi allokata lill-konvenuta u kemm jista' jkun din tibqa' entità waħda kif xtaqu l-partijiet.*

*Illi, stabblit dak li għadu kemm ingħad, il-Qorti taqbel mad-dikjarazzjoni tal-Perit Mario Cassar meta qal li l-ġid inkwistjoni jista' tinqasam b'mod konvenjenti minkejja li l-pjan propost fl-ewwel rapport ma għadux fattibbli minħabba li nbidlu l-valuri tal-proprjetà.*

*...*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-diviżjoni hekk kif proposta minnha ma tnaqqasx il-valur tal-proprjetà hekk maqsuma minħabba li l-porzjonijiet tal-art huma relattivament kbar u jippermettu użu tajjeb għall-konvenuta waqt li jagħtu valur lill-atturi. Dan ir-raġunament huwa suffragat ukoll mis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet* ***Paul Grech et v. Lawrence Grech et (Numru 380/2001/1)*** *fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:*

*«Madankollu, jekk biex jitħarsu l-prinċipji fuq imsemmija l-qasma tal-ħwejjeġ komuni tkun qiegħda ssir biss fid-dieher u tkun mgħobbija b'soluzzjonijiet imġebbda, bħal, per eżempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-każ ikun għaqli li ssir il-liċitazzjoni u tkun qiegħda titħares il-liġi filkelma u l-ispirtu tagħha jekk l-eċċezzjoni tegħleb lill-prinċipju.»*

*Illi fil-fehma tal-Qorti din id-diviżjoni tosserva d-dettami tal-liġi u t-tagħlim tal-ġurisprudenza sa fejn wieħed iħares lejn il-kawża bħala atturi kontra l-konvenuta. Iżda meta wieħed iħares lejn l-ammont li din l-Qorti allokat lill-atturi, minħabba n-numru konsiderevoli tal-atturi, il-proprjetajiet allokati lilhom ma humiex komodament diviżibbli bejniethom u li jekk kull attur jieħu biċċa, dan sejjer jispiċċa bi ftit li xejn. Għaldaqstant huwa tajjeb li l-porzjon tal-proprjetà li tmiss lill-atturi għandha tinbiegħ bil-liċitazzjoni hekk kif ser jiġi pprovdut iktar 'l isfel.*

*Illi konsegwentement il-Qorti tiddeċiedi li, barra mill-proprjetajiet l-oħra hekk kif imsemmija aktar 'il fuq, il-ġardina li hemm mar-razzett tinqasam b'mod illi l-atturi jingħataw il-porzjon hekk kif deskritta aktar il-fuq u l-partijiet l-oħra mill-proprjetà tingħata lill-konvenuta. B'dan illi l-parti tal-ġardina li tibqa' tal-konvenuta trid tkun tmiss mar-razzett ħalli jiġi ppreżervat il-valur tal-proprjetajiet.*

*Illi b'hekk il-Qorti ser tilqa' l-ħames u s-sitt talba kontenuti fir-Rikors Maħluf b'dana illi l-kwoti ta' kull parti hija kif deskritta iktar 'il fuq u l-assi għandhom jinqasmu bil-mod kif indikat minnha.*

*<u>Is-Seba' (7), it-Tmien (8) u d-Disa' (9) Talba</u>:*

*Illi f'dawn it-talbiet il-Qorti ġiet mitluba:*

- *tinnomina perit tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni;*

- *tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuratur għal eventwali kontumaċi;*

- *tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak li mhux komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.*

*Illi, in vista ta' dak li ġie deċiż iktar 'il fuq, il-Qorti ser tilqa' s-seba', it-tmien u limitatament id-disa' talba tal-atturi b'dana illi tqabbad lill-Perit Mario Cassar sabiex fi żmien tletin (30) jum minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jipprepara l-pjanti neċessarji kollha sabiex id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tiġi mwettqa. Wara dan taħtar lin-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell sabiex tippubblika l-atti pubbliċi kollha neċessarji ħalli tkun tista' sseħħ id-diviżjoni bejn l-atturi u l-konvenuta waqt li taħtar lill-Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar sabiex jirrappreżenta kull eventwali kontumaċi.*

*Illi sussegwentement il-Qorti tordna li l-porzjon allokata lill-atturi minħabba li mhijiex komodament diviżibbli għandha tinbiegħ permezz ta' liċitazzjoni u dana b'operazzjoni tal-**Artikolu 517 tal-Kodiċi Ċivili**. B'dana l-barranin iridu jiġu mistiedna biex joffru fil-bejgħ b'liċitazzjoni. Ir-rapport (a fol. 799 et seq.) hekk kif rivedut mill-Perit Mario Cassar għandu jkun il-bażi għall-bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjetà allokat lill-atturi permezz ta' din is-sentenza b'dana illi l-proċess tal-bejgħ b'liċitazzjoni jrid jinbeda fi żmien ġimagħtejn minn meta n-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell tippubblika u*

*tirreġistra l-atti neċessarji kollha għall-qasma tal-wirt bejn l-atturi u l-konvenuta. Magħdud ma' dan, il-Qorti tistabbilixxi li d-dħul mill-imsemmi bejgħ għandu jinqasam bejn l-atturi skont l-ishma rispettivi tagħhom hekk kif indikati iktar 'il fuq f'din is-sentenza.»*

16. Il-konvenuta Anna Muscat appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-7 ta' Lulju, 2022, u hemmhekk hija talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex issejjaħ fil-kawża lil *«iben il-mejjet Mosè Muscat u dan ai fini ta' integrità tal-ġudizzju»*; jew (ii) tibdel is-sentenza appellata billi tħassarha biss sa fejn ordnat li parti mill-ġardina tar-razzett għandha tinbiegħ b'liċitazzjoni, u minflok tordna li r-razzett bil-ġardina kollha ta' miegħu jiġu assenjati lilha biss, filwaqt illi l-bqija tal-ġid tal-wirt jiġi assenjat lill-atturi, jew jinbiegħ b'liċitazzjoni, kif ukoll issir l-ekwiparazzjoni meħtieġa sabiex l-atturi jieħdu sehemhom kollu mill-wirt; u (iii) fl-aħħar nett, tibdel is-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti li fiha l-Ewwel Qorti ħatret lill-Perit Mario Cassar sabiex iħejji l-pjanti kollha għat-twettiq tas-sentenza, kif ukoll fejn qiegħda tgħid li qabbditu *«jirrevedi l-istimi fi żmien ġimagħtejn minn meta jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' diviżjoni relattiv»,* u minflok dan, tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti sabiex dak il-Perit ikun jista' jagħmel rapport addizzjonali b'dawk l-istimi u l-pjanti, bl-ispejjeż kollha għall-atturi.

17. B'żewġ tweġibiet separati mressqin fis-7 ta' Awwissu, 2023, l-atturi kollha taw ir-raġunijet tagħhom għalfejn l-appell tal-konvenuta Anna Muscat għandu jiġi miċħud.

18. L-atturi Publius Farrugia, u wliedu Charles Farrugia u Joseph Farrugia (ID 330585M), inqdew bit-tweġiba tagħhom tas-7 ta' Awwissu, 2023, biex ressqu wkoll appell inċidentali. F'dak l-appell, dawn talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tibdel is-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti li fiha qassmet il-wirt ta' Salvina Farrugia née Muscat, u minflok tiddeċiedi li dawk l-ishma li Salvina Farrugia wirtet mingħand oħtha Giuseppa Muscat, għandhom jiġu assenjati lilhom biss.

19. Bi tweġiba tas-26 ta' Settembru, 2023, l-atturi Joseph Farrugia (ID 155852M) u Mariano magħruf bħala Mario Farrugia, laqgħu għall-appell inċidentali billi taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn dan għandu jiġi miċħud.

20. B'nota tal-11 ta' Novembru, 2023, il-bqija tal-atturi għarrfu lill-Qorti, li huma ma kellhom xejn xi jwieġbu għall-appell inċidentali.

21. Il-konvenuta Anna Muscat lanqas ma ressqet xi tweġiba għall-appell inċidentali.

22. Billi l-imsejħa fil-kawża Mary Rose Buhagiar, laħqet mietet qabel ma ġiet notifikata bl-atti tal-appell, u ħadd ma deher sabiex jassumi l-atti tal-kawża minflokha jew inkella aċċetta l-bandu sabiex jidher bħala kuratur għaliha, din il-Qorti fuq talba tal-konvenuta, ħatret lill-Avukat Charmaine Cherrett u lill-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina di Noto

bħala kuraturi tal-istess Mary Rose Buhagiar.

23. Bi tweġiba tat-22 ta' Ottubru, 2024, il-kuraturi msemmija wieġbu li huma m'għandhomx għarfien dwar il-fatti tal-kawża.

24. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

25. Fl-appell ewlieni, il-konvenuta Anna Muscat qiegħda tattakka s-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' tliet aggravji.

26. Fl-ewwel aggravju, hija qiegħda tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' r-raba' eċċezzjoni tagħha għar-raġuni li l-ġudizzju f'din il-kawża ma jistax ikun sħiħ mingħajr is-sehem ta' iben Mosè Muscat f'dawn il-proċeduri.

27. Fit-tieni aggravju, Anna Muscat qiegħda mbagħad tattakka l-pjan tal-qasma tal-ġid immobbli li ġej mill-wirt inkwistjoni, u dan għar-raġuni li hija mhijiex taqbel li parti mill-ġardina tar-razzett *Ta' Zitellu,* għandha tmiss lill-atturi u tinbiegħ b'liċitazzjoni.

28. Fl-aħħar nett, il-konvenuta tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ordnat lill-Perit Mario Cassar sabiex iħejji l-pjanti meħtieġa għat-twettiq tal-pjan tal-qasma kif ordnat minnha, u wkoll fejn qiegħda tgħid li l-Ewwel Qorti ordnat lil dak il-Perit sabiex *«jirrevedi l-istimi»* tal-proprjetajiet li għandhom jinbiegħu b'liċitazzjoni.

29. Fuq ix-xaqliba l-oħra, fl-appell inċidentali, l-atturi Publius Farrugia u wliedu Charles Farrugia u Joseph Farrugia (ID 330585M), qegħdin jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ddeċidiet dwar kif għandu jinqasam is-sehem tal-mejta Salvina Farrugia née Muscat, bejn il-werrieta tagħha.

30. Nibdew bl-**ewwel aggravju tal-appell ewlieni**, li fih il-konvenuta Anna Muscat qiegħda tinsisti li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' r-raba' eċċezzjoni tagħha u ta' żewġha Nazzareno Muscat, għaliex qiegħda tqis li mingħajr is-sehem ta' Daniel Muscat (iben Mosè Muscat) f'dawn il-proċeduri, il-ġudizzju f'din il-kawża ma jistax ikun wieħed sħiħ.

31. Tfisser li l-preżenza ta' Daniel Muscat f'din il-kawża hija meħtieġa għaliex missieru Mosè Muscat ħallielu s-sehem riżervat, u targumenta li n-nuqqas tiegħu sejjer ikun qiegħed iwassal għal azzjonijiet futuri, bi tkasbir tal-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju.

32. Tissokta billi tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tqis li ma

ġiex ippruvat li ma fadalx biżżejjed ġid mill-wirt ta' Mosè Muscat, sabiex ibnu Daniel ikun jista' jitħallas tas-sehem riżervat dovut lilu mil-liġi, u targumenta li jekk xejn, ir-raġunament tal-Ewwel Qorti kellu jkun bil-maqlub.

33. Iżżid li l-Ewwel Qorti lanqas ma qalet sewwa li din l-eċċezzjoni kellha titqajjem mill-eredi ta' Mosè Muscat, u f'dan il-qafas issostni li skont il-ġurisprudenza, l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas tal-integrità tal-ġudizzju hija waħda ta' ordni pubbliku u b'hekk setgħet anke titqajjem mill-Qorti minn rajha.

34. Din il-Qorti titlaq billi tosserva li għalkemm l-appellanti qiegħda tgħid sewwa li l-eċċezzjoni tan-nuqqas tal-integrità tal-ġudizzju tista' f'ċertu ċirkostanzi titqies bħala waħda ta' ordni pubbliku (ara ***L-Arkitett Raymond Vassallo et v. Windsor Holdings Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019) u minħabba f'hekk il-Qorti tista' tqajjimha minn rajha (ara ***Peter Gatt nomine v. Mark Schembri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020), b'danakollu però hija qiegħda tgħid ħażin li s-sehem ta' iben Mosè Muscat f'dawn il-proċeduri kien, b'xi mod jew ieħor, meħtieġ sabiex jagħmel il-ġudizzju f'din il-kawża wieħed sħiħ.

35. Kif jidher mit-testment ta' Mosè Muscat tal-4 ta' Frar, 2011, dan għażel li jħalli lil ibnu Daniel Muscat *«il-leġittima jew inkella l-porzjoni lilu*

*riżervata mil-liġi»* biss, u minfloku huwa ħatar bħala l-eredi universali tiegħu: *«lil ħutu Costanza Cassar, Giovanna Mizzi, Carmela Muscat Camilleri, Charles u Constantino, indaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni favur uliedhom u in mankanza bl-akkrexximent»* (ara Dok MDC5, f'paġna 477 tal-atti tal-kawża).

36. Ħlief għas-sehem riżervat, Mosè Muscat ma ħalla xejn iktar lil ibnu bħal ngħidu aħna xi legat, u għaldaqstant, Daniel Muscat huwa sempliċement kreditur, u xejn iktar.

37. Fil-liġi tagħna, is-sehem riżervat huwa biss jedd ta' kreditu fuq l-eredità nfisha, u bl-ebda mod jew ieħor ma jagħti lill-benefiċjarju ta' dak is-sehem, xi titlu fuq kwota mill-assi tal-wirt (ara l-**Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili**). Kemm hu hekk, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li min igawdi s-sehem riżervat mhuwiex werriet, u b'hekk dan ma jidħolx fil-pussess tal-ġid tal-mejjet *(ara* ***Michelle Shires et v. Giovanna Bonello et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ġunju, 2009).

38. Il-fatt waħdu li Daniel Muscat għandu jedd għas-sehem riżervat mill-wirt ta' missieru, ma jagħtih għalhekk l-ebda titlu ta' komproprjetà fuq dawk il-ħwejjeġ kollha li missieru Mosè Muscat ħalla wara mewtu, u ġaladarba huwa m'għandu xejn mill-proprjetà li tagħha qiegħda tintalab il-qasma, Daniel Muscat ma kellux għalfejn ikun parti f'din il-kawża sabiex il-ġudizzju jkun wieħed sħiħ.

39. F'kull każ, anke però li kieku stess, u għall-ġieħ tal-argument biss, Daniel Muscat kellu jitqies bħala werriet ta' missieru (li mhux), il-preżenza ta' dan f'din il-kawża xorta waħda ma kinitx sejra tkun meħtieġa sabiex il-ġudizzju jkun wieħed sħiħ.

40. Il-Qorti qiegħda tgħid hekk għaliex, f'dan il-każ, Mosè Muscat kien wieħed minn fost l-atturi li ressqu din il-kawża, u għalhekk anke li kieku stess ma saritx it-trasfużjoni tal-ġudizzju minn isem Mosè Muscat, għal fuq isem il-werrieta tiegħu, il-ġudizzju xorta waħda kien sejjer ikun wieħed sħiħ u dan billi fl-**Artikolu 810B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, insibu li jekk fi żmien sitt xhur mill-mewt ta' xi parti f'kawża, ħadd ma jagħmel xejn: *«il-kawża għandha tkompli f'isem il-mejjet u kwalunkwe sentenza li tingħata f'tali kawża <u>tkun eżegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet</u>.»*

41. L-ewwel aggravju mhuwiex għalhekk mistħoqq u qiegħed jiġi miċħud.

42. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-appellanti qiegħda mbagħad tikkritika l-pjan tal-qasma hekk kif imħejji mill-Ewwel Qorti, għaliex jidhirilha li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tassenja biċċa mill-ġardina ta' mar-razzett *«Ta Zitellu»* lill-atturi u tordna l-bejgħ tagħha b'liċitazzjoni.

43. L-appellanti jidhrilha li kemm dan ir-razzett, kif ukoll il-ġardina kollha ta' miegħu, kellhom jiġu assenjati lilha u lil żewġha biss, għaliex huma kien ilhom jużawhom għal għexieren ta' snin bħala r-residenza tagħhom. Tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti piż biżżejjed lil dan il-fattur, u tirraġuna li dik il-Qorti setgħet faċilment tħejji pjan ta' qasma, b'tali mod li tassenja r-razzett flimkien mal-ġardina ta' miegħu lilha, filwaqt li tassenja l-bqija tal-proprjetajiet lill-atturi.

44. F'dan il-qafas, l-appellanti tfisser li l-valur tar-razzett u l-ġardina ta' miegħu huwa ta' €1,383,599, filwaqt li l-bqija tal-proprjetà għandha valur globali ta' €263,097. Tfakkar li sehem tagħha u ta' żewġha mill-wirt inkwistjoni huwa ta' €1,138,745.32, u b'hekk tirraġuna li l-Ewwel Qorti setgħet tassenja r-razzett u l-ġardina kollha ta' miegħu lilha u lil żewġha, filwaqt li tassenja l-bqija tal-proprjetà lill-atturi u tordna *«ħlas ta' ekwiparazzjoni biex l-atturi jitħallsu sehmhom xorta waħda liema sehem jammonta għal €507,954.68.»*

45. Tissokta billi tfakkar, li mal-mixi tal-kawża, *«il-partijiet kienu qablu fil-mori tal-kawża illi r-razzett u l-ġardina ma jiġux spezzettati u jibqgħu proprjetà waħda»*, u fid-dawl ta' dan, tirraġuna li: *«ladarba l-partijiet kienu indikaw dan il-qbil sinjal li kienu kkunsidraw ir-riperkussjonijiet kollha»*, fosthom dik tal-ħlas ta' ekwiparazzjoni qawwija. Tinsisti għalhekk li l-Ewwel Qorti kellha timxi max-xewqa tal-partijiet, u b'hekk ma kellhiex talloka parti mill-ġardina tar-razzett lill-atturi.

46. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju lanqas ma huwa mistħoqq u dan għal għadd ta' raġunijiet.

47. L-ewwel nett, il-fatt waħdu li r-razzett u l-ġardina ta' miegħu kien ilhom għal snin twal jintużaw bħala r-residenza tal-appellanti u ta' żewġha, ma jagħtix lill-appellanti xi jedd aqwa fuq dak il-ġid immobbli mill-bqija tal-komproprjetarji. Fi kliem ieħor, imbilli l-appellanti kienet tgħix ma' żewġha fir-razzett inkwistjoni u għadha tgħix hemmhekk sal-lum, ma jfissirx li dak ir-razzett u l-ġardina kollha ta' miegħu kellhom bilfors jiġu assenjati lilha, bi preferenza fuq il-komproprjetarji l-oħra (ara f'dan is-sens ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Mario Zammit v. Rita Zammit*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Jannar, 2013).

48. Fit-tieni lok, u bħala stat ta' fatt, lanqas ma huwa l-każ li l-Ewwel Qorti baqgħet indifferenti għall-fatt li r-razzett u l-ġardina ta' miegħu kien ilhom snin twal jintużaw bħala r-residenza tal-appellanti. Tant hu hekk, li minn ħarsa lejn il-pjan tal-qasma jidher li l-Ewwel Qorti assenjat lill-konvenuti appellanti kemm ir-razzett kif ukoll il-parti l-kbira tal-ġardina ta' miegħu. Kulma messhom l-atturi minn din il-proprjetà kien biss 582.96 metri kwadri minn total ta' 2460 metri kwadri, jiġifieri inqas minn kwart, u dan jerġa' f'dik il-parti tal-ġardina li ma tmissx mar-razzett, sabiex, kemm jista' jkun, ir-razzett u l-ġardina ta' miegħu jibqgħu entità waħda.

49. Kif tifhimha din il-Qorti, f'ċirkostanzi, fejn ir-razzett u l-ġardina ta' miegħu għandhom valur ta' €1,383,600, li huwa bil-wisq ikbar mill-valur tal-bqija tal-proprjetajiet l-oħra (€263,100) li jiffurmaw parti mill-assi tal-wirt li tiegħu qiegħda tintalab il-qasma, l-Ewwel Qorti qajla setgħet toħroġ bi pjan ta' diviżjoni aħjar milli ħarġet bih.

50. Fis-sewwa, li kieku dik il-Qorti kellha tfassal il-pjan tal-qasma bil-mod ta' kif qiegħda tippretendi l-appellanti, hija kien sejra jkollha tħallas lill-atturi kważi kwart ta' miljun ewro bħala ekwiparazzjoni. Dan l-ammont, iqarreb sewwa, il-valur ta' tliet proprjetajiet li jifdal mill-wirt inkwistjoni f'daqqa (il-valur tal-għalqa f'Bubaqra, tal-fond fi Triq il-Mitħna u tal-fond fi Triq Nigret huwa b'kollox ta' €263,100 *[€68,100 + €80,000 + €115,000 = €263,000]*), u għalhekk bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi, tali ammont huwa goff wisq.

51. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li ekwiparazzjoni qawwija għandha kemm jista' jkun tiġi evitata għaliex din iġġib fix-xejn l-iskop warajha (ara f'dan is-sens ***Reverendu Dun Ġużepp Frendo v. Francesco Saverio Frendo et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2005) u fid-dawl ta' dan, il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti imxiet b'mod għaqli li ma fasslitx il-pjan tal-qasma bil-mod ta' kif qiegħda tippretendi l-appellanti.

52. Tassew, l-appellanti mank biss kellha l-ħila tħallas is-somma ta' €79,527, bħala garanzija għall-ispejjeż ta' dan l-appell, tant li ngħatalha l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 2025, aħseb u ara kemm kienet sejra tiflaħ titgħabba bil-piż li tiġi ordnata tħallas lill-atturi s-somma ta' kważi kwart ta' miljun ewro bħala ekwiparazzjoni!

53. F'ċirkostanzi bħal dawn, din il-Qorti jidhrilha li l-pjan tal-qasma hekk kif imfassal mill-Ewwel Qorti huwa, fl-aħħar mill-aħħar, fl-aħjar interess tal-appellanti stess, u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

54. Fl-**<u>aħħar aggravju tal-appell ewlieni</u>** l-konvenuta Anna Muscat qiegħda tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tħalli sal-istadju tal-għoti tas-sentenza sabiex tqabbad lill-Perit Mario Cassar iħejji l-pjanti meħtieġa għat-twettiq tal-pjan tal-qasma, kif ukoll sabiex fi kliemha: *«jirrevedi l-istimi fi żmien ġimagħtejn minn meta jiġi ppublikat il-kuntratt ta' diviżjoni relattiv biex imbagħad tista' ssir il-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dik il-proprjetà li mhijiex komodament diviżibbli u dan a bażi ta' dawk l-istimi riveduti.»*

55. Tirraġuna li b'dan il-mod, il-partijiet sejrin ikunu qegħdin jiġu mċaħħda milli jikkontrollaw il-konklużjonijiet tal-Perit, għaliex huma mhumiex sejrin ikollhom ċans jeskutuh jew inkella jressqu xi sottomissjonijiet, dwar dak li jkun irrelata. F'dan is-sens, tenfasizza li dak li sejjer ikun qiegħed *«jiddeċiedi»* il-Perit Cassar sejjer ikun qiegħed

jorbotha, u tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tagħti dawn l-inkarigi lill-Perit waqt il-kawża, sabiex il-partijiet setgħu jirregolaw ruħhom, u l-Qorti kienet tkun f'qagħda li fis-sentenza tagħha, tistabbilixxi b'ċertezza liema huma l-pjanti u l-valuri finali.

56. Fil-fehma tal-Qorti, anke dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq.

57. Qabelxejn għandu jingħad li minn imkien mis-sentenza appellata ma jirriżulta li l-Ewwel Qorti, b'xi mod jew ieħor, qabbdet lill-Perit Mario Cassar sabiex *«jirrevedi l-istimi fi żmien ġimagħtejn minn meta jiġi ppublikat il-kuntratt ta' diviżjoni relattiv.»*

58. Kemm mill-qafas tas-sentenza appellata, kif ukoll minn paragrafu (ċ) tas-seba' kap tad-dispożittiv ta' dik is-sentenza, joħroġ biċ-ċar li b'differenza għal dak li qiegħda tgħid l-appellanti, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li: ***«[i]r-rapport (fol. 799 et seq.) rivedut mill-Perit Mario Cassar għandu jkun il-bażi għal bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjetà allokata lill-atturi* permezz ta' din is-sentenza b'dana illi l-proċess tal-bejgħ b'liċitazzjoni jrid jinbeda fi żmien ġimagħtejn minn meta n-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell tippubblika u tirreġistra l-atti neċessarji għal qasma tal-wirt bejn l-atturi u l-konvenuta.»**

59. Bil-frażi: *«ir-rapport (fol. 799 et seq.) rivedut mill-Perit Mario Cassar»,* l-Ewwel Qorti, żgur u mhux forsi, ma kinitx qiegħda tagħti xi

inkarigu ġdid lill-dak il-Perit, sabiex jagħmel stima aġġornata tal-valuri tal-proprjetajiet li għandhom jinbiegħu b'liċitazzjoni.

60. Mod ieħor, ir-*«rapport rivedut»* li ssemma mill-Ewwel Qorti, diġà sar u diġà qiegħed fl-atti, tant li dik il-Qorti saħansitra rriferiet għalih billi speċifikat f'liema paġni tal-atti tal-kawża jinsab (ara r-rapport aġġornat tal-Perit Mario Cassar, f'paġni 799 sa 818 tal-atti tal-kawża).

61. Terġa' u tgħid, mill-atti tal-kawża jirriżulta li fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2017, l-appellanti, permezz tal-avukat tagħha, għamlet bosta mistoqsijiet lill-Perit Cassar dwar dak ir-rapport rivedut, u għalhekk hija messha fehmet sewwa għal-liema rapport il-Qorti kienet qiegħda tirreferi (ara l-eskussjoni f'paġni 834 sa 838 tal-atti tal-kawża).

62. F'kull każ, din il-Qorti però lanqas ma tista' tifhem x'interess jista' jkollha l-appellanti sabiex *«tikkontrolla»* il-konklużjonijiet tal-Perit sa fejn għandhom x'jaqsmu l-valuri ta' dawk il-proprjetajiet li għandhom jinbiegħu b'liċitazzjoni. Fis-sewwa, hija biss il-proprjetà li ġiet assenjata lill-atturi, li sejra tinbiegħ b'liċitazzjoni, u għaldaqstant, ikun xi jkun il-bażi tal-prezz tal-bejgħ ta' dawk il-proprjetajiet, dan mhuwiex sejjer ikollu xi effett fuqha u fuq dik il-proprjetà li ġiet assenjata lilha.

63. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-ilmenti tal-konvenuta appellanti dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti qabbdet lill-Perit Cassar sabiex

*«jipprepara l-pjanti neċessarji kollha sabiex dak deċiż minn din il-Qorti b'din is-sentenza jiġi mwettaq»,* din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti qabbdet lill-Perit Cassar sabiex iħejji dawk il-pjanti, fl-istess waqt, huwa però daqshekk ieħor minnu li dik il-Qorti ma ħalliet l-ebda għażla f'idejn il-Perit Cassar dwar il-mod ta' kif huwa għandu jfassal il-pjanti inkwistjoni.

64. Kemm hu hekk, fil-qafas tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti mhux talli speċifikat bl-eżatt kemm għandu jkun id-daqs ta' dik il-parti mill-ġardina tar-razzett *«Ta' Zitellu»* li għandha tmiss lill-atturi u tinbiegħ b'liċitazzjoni, iżda wkoll fissret li l-ġardina għandha tinqasam kemm jista' jkun b'mod lineari *«fejn il-parti li tmiss lill-atturi tittieħed mill-ponta fejn Sqaq Franzina jmiss ma' Triq Wied Ganu»* u *«il-parti tal-ġardina li tibqa' tal-konvenuta trid tkun tmiss mar-razzett...»* (ara paġna 37 tas-sentenza appellata).

65. Bi struzzjonijiet ċari bħal dawn, il-Perit Cassar ma sejjer ikun qiegħed jiddeċiedi xejn minn rajh, u sejjer biss ikun qiegħed jirrappreżenta fuq pjanta dak li diġà ġie deċiż mill-Ewwel Qorti.

66. Anke sa fejn għandhom x'jaqsmu l-bqija tal-proprjetajiet li ġew assenjati lill-atturi, il-Perit Cassar, ma sejjer ikun qiegħed jiddeċiedi xejn li ma ġiex diġà deċiż fis-sentenza appellata. L-Ewwel Qorti dehrilha li dawn il-proprjetajiet ma jistgħux jinqasmu bejn l-atturi għaliex mhumiex

komodament diviżibbli, u għalhekk anke hawnhekk, jekk il-Perit Cassar sejjer ikun qiegħed iħejji xi pjanti, huwa ma sejjer ikun qiegħed joħroġ b'xejn ġdid, għajr li juri fuq pjanta dak li diġà wera fir-rapport imħejji minnu (ara r-rapport tal-Perit Cassar, f'paġni 813, 814 u 816 tal-atti tal-kawża).

67. F'ċirkostanzi bħal dawn, ma kienx hemm għalfejn li l-pjanti jitħejjew minn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, u għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

68. Jiġi b'hekk, li l-ebda mill-aggravji tal-appell ewlieni ma huma mistħoqqa, u fid-dawl ta' dan kollu l-appell ewlieni tal-konvenuta Anna Muscat sejjer ikun qiegħed jiġi miċħud għalkollox.

69. Jifdal biss l-**appell inċidentali** tal-atturi Publius Farrugia, Joseph Farrugia (ID 330585M) u Charles Farrugia, li huwa dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ddeċidiet dwar kif għandu jinqasam is-sehem tal-mejta Salvina Farrugia, bejniethom u bejn qrabathom Joseph Farrugia (ID 155852M) u Mario Farrugia.

70. F'dan ir-rigward, Publius Farrugia u wliedu jitilqu billi jirreferu lejn it-Tielet Artikolu tat-testment ta' Salvina Farrugia, li fih din kitbet li kienet qiegħda tħalli: *«b'titlu ta' legat lil uliedha Joseph [ID155852M] u Mario aħwa Farrugia nofs (1/2) indiviż bejniethom ċjoè kwart (1/4) indiviż kull wieħed mill-proprjetà li hi tipposjedi flimkien ma' ħutha u li ġew għandha*

*mingħand il-ġenituri tagħha.»*

71. Jargumentaw li din id-dispożizzjoni tista' biss tfisser li t-testatriċi kienet qiegħda tagħmel distinzjoni bejn dik il-proprjetà jew aħjar l-ishma mill-proprjetà li ġew għandha mingħand il-ġenituri tagħha, u dawk l-ishma li kisbet b'wirt mingħand oħtha Giuseppa Muscat.

72. Jissottomettu li għalkemm l-Ewwel Qorti qieset sewwa li Mario u Joseph Farrugia (ID 155852M) imisshom kwart indiviż kull wieħed mill-proprjetà li ommhom Salvina Farrugia wirtet mingħand il-ġenituri tagħha Giovanni u Angela Muscat, madankollu jilmentaw li meta ġiet biex talloka l-ishma li rċevew mingħand Salvina, l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatt li kien hemm xi ishma li ġew għand Salvina mingħand oħtha Giuseppa u mhux mingħand il-ġenituri tagħha.

73. F'dan il-kuntest, ifissru li Salvina Farrugia wirtet mingħand oħtha Giuseppa s-sehem ta' 1/7, u b'hekk jgħidu li l-ishma ta' 1/21 mir-razzett bil-ġardina *«Ta' Zitellu»* u dawk ta' 1/56 tal-għalqa f'Bubaqra, tal-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret u tal-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, ma ġewx għand Salvina Farrugia mingħand il-ġenituri tagħha, iżda mill-wirt ta' oħtha Giuseppa Muscat. Jisħqu għalhekk li dawn l-ishma ma jiffurmawx parti mil-legat li tħalla lil Joseph Farrugia (ID 155852M) u Mario Farrugia, u jinsistu li dawn kellhom jiġu allokati lilhom biss.

74. Fid-dawl ta' dan kollu, Publius Farrugia, Joseph Farrugia (ID 330585M) u Charles Farrugia, isostnu li din il-Qorti għandha tirrevedi l-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ddeċidiet li għandu jinqasam is-sehem ta' Salvina Farrugia bejn il-werrieta tagħha, u dan sewwasew biex l-ishma li Salvina Farrugia wirtet mingħand oħtha Giuseppa Muscat, jiġu allokati lilhom biss.

75. Min-naħa 'l oħra, kemm Joseph Farrugia (ID 155852M), kif ukoll ħuh Mario Farrugia mhumiex jaqblu ma' dan l-aggravju, u t-tnejn li huma jidhrilhom li l-mod ta' kif l-Ewwel Qorti qasmet is-sehem ta' Salvina Farrugia huwa tajjeb u m'għandux jiġi mittiefes.

76. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa mistħoqq.

77. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li r-rieda tat-testatur hija dik li tirriżulta mill-att tat-testment innifsu, u għalhekk huwa ġeneralment miżmum li meta l-kliem ta' klawsola f'testment ikun ċar, dik il-klawsola għandha tingħata effett skont kif miktub (ara ***Rose Deguara et v. Anthony Camilleri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023).

78. Kif tifhimha din il-Qorti, dak li tniżżel minn Salvina Farrugia fit-tielet artikolu tat-testment tagħha tat-2 ta' Ġunju, 1994, huwa ċar biżżejjed, u ġaladarba hija għażlet tispeċifika li l-legat li kienet qiegħda tħalli lil uliedha

Mario u Joseph Farrugia (ID 155852M) huwa ta' *«kwart indiviż (1/4) kull wieħed mill-proprjetà li hi tipposjedi flimkien ma' ħutha u li ġew għandha mingħand il-ġenituri tagħha»,* mela allura hija kienet qiegħda tabilħaqq tillimita dak il-legat, għal dawk l-ishma mill-proprjetà li wirtet mingħand il-ġenituri tagħha.

79. Għalkemm jidher li l-Ewwel Qorti x'aktarx għarfet dan, tant li fil-parti rilevanti tas-sentenza appellata kkummentat li: *«Il-Qorti jirriżultalha b'mod ċar li Mario u Joseph imisshom kull wieħed kwart (1/4) indiviż tal-proprjetà li Salvina Muscat [recte: Farrugia] irċeviet mingħand il-ġenituri tagħha...»,* mill-banda 'l oħra, meta mbagħad ġiet biex taqsam sehem Salvina, l-Ewwel Qorti qalet li: *«l-ammont ta' €102,477.78 għandu jinqasam billi nofsu jmur għand Publius u wliedu Joseph Farrugia u Charles Farrugia b'dana illi Publius jiret kwart indiviż minħabba li Salvina Muscat [recte: Farrugia] ħalliet lilu u lil martu werrieta fi kwoti indaqs waqt li jiret sehem minn tmienja b'operazzjoni ta' Artikolu 808 tal-Kodiċi Ċivili. Il-parti li tibqa' tgħaddi fuq uliedu permezz tal-istess artikolu fi kwoti indaqs bejniethom....»*

80. Issa minn ħarsa lejn il-konsiderazzjonijiet li ngħataw fil-paragrafi ta' qabel tas-sentenza appellata (ara b'mod partikolari t-tieni paragrafu, f'paġna 33 tas-sentenza appellata) jidher biċ-ċar li l-ammont ta' €102,477.48, li rriferiet għalih l-Ewwel Qorti, jirrappreżenta l-valur globali tal-ishma kollha li Salvina Farrugia kellha mill-proprjetajiet inkwistjoni,

jiġifieri sew dawk li hija wirtet mingħand il-ġenituri tagħha, kif ukoll dak is-sehem li ġie għandha mill-wirt ta' oħtha Giuseppa Muscat.

81. Hija għalhekk ħaġa raġunata li Publius u wliedu Joseph (ID 330585M) u Charles Farrugia jmisshom bejniethom aktar min-nofs tal-valur tal-ishma globali li Salvina Farrugia kellha mill-proprjetajiet inkwistjoni, għaliex minbarra n-nofs li għandhom flimkien bejniethom mill-ishma li ġew għand Salvina mill-wirt tal-ġenituri tagħha, huma għandhom ukoll dawk l-ishma li Salvina wirtet mingħand oħtha Giuseppa.

82. L-ilmenti ta' Publius u wliedu Joseph (ID 330585M) u Charles Farrugia huma għalhekk mistħoqqa, u sabiex l-affarijiet ikunu ċari, il-Qorti sejra tkun qiegħda tfisser kif għandu jinqasam id-dħul mill-bejgħ b'liċitazzjoni, u dan biss sa fejn għandu x'jaqsam mas-sehem tal-werrieta ta' Salvina Farrugia.

83. Qabel ma' tagħmel hekk, jeħtieġ però li jingħata sfond qasir dwar x'kienu sewwasew l-ishma, li Salvina Farrugia rċeviet mingħand il-ġenituri tagħha u mingħand oħtha Giuseppa Muscat.

84. Giovanni u Angela Muscat, li jiġu l-ġenituri ta' Salvina Farrugia, kellhom b'kollox tmien ulied.

85. Il-miżżewġin Muscat kellhom dawn il-proprjetajiet: (i) għalqa

f'Santa Marija, Bubaqra; (ii) fond bin-numru 13 fi Triq Nigret ġewwa ż-Żurrieq; (iii) fond bin-numru, 51 fi Triq il-Mitħna, ġewwa ż-Żurrieq; u (iv) razzett bil-ġardina magħrufa bħala *«Ta' Zitellu»* fl-inħawi tan-Nigret, iż-Żurrieq (ara Dok NM27, f'paġna 95 tal-atti tal-kawża, kif ukoll il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu, 2015, f'paġni 660 u 661 tal-atti tal-kawża).

86. B'testment tas-17 ta' Jannar, 1957, Giovanni u Angela Muscat, ħallew bi prelegat, ir-razzett *«Ta' Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta' miegħu, lil tlieta minn fost tmien uliedhom, u sewwasew lil Emanuel Muscat, Victor Muscat u Giuseppa Muscat (ara Dok NM24 f'paġna 76 tal-atti tal-kawża).

87. Bl-istess testment, il-miżżewġin Muscat ħatru lit-tmien uliedhom, jiġifieri lil Carmelo, Francesco, Salvatore, Pietro, Salvina Farrugia, Victor, Emmanuel u Giuseppa, aħwa Muscat, bħala l-eredi universali tagħhom, fi kwoti ndaqs bejniethom (erġa' ara Dok NM24, però f'paġna 77 tal-atti tal-kawża).

88. Giovanni Muscat għadda għall-ħajja ta' dejjem fil-11 ta' Awwissu, 1961, filwaqt li martu Angela Muscat mietet fis-17 ta' Marzu, 1974 (ara ċ-ċertifikati tal-mewt, f'paġni 64 u 52 rispettivament).

89. Fil-jum li fih mietet Angela Muscat, uliedha kienu għadhom kollha ħajjin, u b'hekk ifisser li **Salvina Farrugia wirtet mingħand il-ġenituri tagħha**: (i) is-sehem ta' **1/8** mill-għalqa f'Bubaqra; (ii) is-sehem ta' **1/8**

mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; u (iii) is-sehem ta' **1/8** mill-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq.

90. Bħal oħtha Salvina, Giuseppa Muscat wirtet mingħand il-ġenituri tagħha: (i) is-sehem ta' 1/8 minn għalqa f'Bubaqra; (ii) is-sehem ta' 1/8 tal-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; u (iii) is-sehem ta' 1/8 tal-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq. B'żieda ma' dawn, hija però kisbet ukoll bi prelegat is-sehem ta' 1/3 mir-razzett *«Ta' Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta' miegħu.

91. Giuseppa Muscat, mietet fil-11 ta' April, 1974 (ara ċ-ċertifikat tal-mewt f'paġna 38 tal-atti tal-kawża), u billi din mietet mingħajr testment (ara r-riżultati tar-riċerki fir-reġistru pubbliku u fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), f'paġni 39 sa 41 tal-atti tal-kawża), ġidha għadda fuq ħutha kollha f'ishma daqsinsew.

92. Billi wara l-mewt ta' Giuseppa, kien baqa' ħajjin seba' aħwa, mela allura Salvina Farrugia messha s-sehem ta' wieħed minn sebgħa (1/7) tal-proprjetà kollha li Giuseppa wirtet mingħand il-ġenituri tagħha.

93. Ifisser b'hekk, li b'żieda mal-ishma li diġà kellha, **mill-wirt ta' oħtha Giuseppa, Salvina Farrugia kisbet dawn l-ishma**: (i) is-sehem ta' **1/56** *(1/7 x 1/8 = 1/56)* mill-għalqa ta' Bubaqra; (ii) is-sehem ta' **1/56** *(1/7 x 1/8 = 1/56)* mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; (iii) is-sehem ta'

**1/56** *(1/7 x 1/8 = 1/56)* mill-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq; u (iv) is-sehem ta' **1/21** *(1/7 x 1/3 = 1/21)* mir-razzett *«Ta' Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta' miegħu.

94. Issa, jekk ngħoddu flimkien l-ishma li Salvina Farrugia wirtet mingħand il-ġenituri tagħha, mal-ishma li hija wirtet mingħand oħtha Giuseppa, jiġi li b'kollox, Salvina Farrugia kienet il-proprjetarja ta' dawn l-ishma mhux maqsuma: (i) **1/7** *(1/8 + 1/56 = 1/7)* mill-għalqa ta' Bubaqra; (ii) **1/7** *(1/8 + 1/56 = 1/7)* mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; (iii) **1/7** *(1/8 + 1/56 = 1/7)* mill-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq; u (iv) is-sehem ta' **1/21** *(0 + 1/21 = 1/21 )* mir-razzett *«Ta' Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta' miegħu.

95. Iktar kmieni, diġà rajna li b'testment tat-2 ta' Ġunju, 1994, (Dok NM40, f'paġni 120 sa 122 tal-atti tal-kawża) Salvina Farrugia ħalliet b'legat lil uliedha Mario u Joseph Farrugia (ID 155852M), is-sehem ta' kwart indiviż (1/4) kull wieħed, mill-ishma li hija rċeviet b'wirt mingħand il-ġenituri tagħha (ara paragrafu 78 ta' din is-sentenza).

96. <u>**B'kollox, Mario u Joseph Farrugia (ID 155852M) wirtu għalhekk, kull wieħed minnhom, dawn l-ishma**</u>: (i) **1/32** *(1/4 x 1/8 = 1/32)* mill-għalqa ta' Bubaqra; (ii) **1/32** *(1/4 x 1/8 = 1/32)* mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; u (iii) **1/32** *(1/4 x 1/8 = 1/32)* mill-fond bin-numru 51, fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq. Dawn ma wirtu l-ebda sehem

mir-razzett *«Ta' Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta' miegħu, għaliex kif ingħad iktar kmieni, hemmhekk tħalla bi prelegat lil Giuseppa, Victor u Emmanuel Muscat biss.

97. Bl-istess testment tat-2 ta' Ġunju, 1994, Salvina Farrugia ħalliet lil binha Publius Farrugia, u lil martu Catherine Farrugia (omm Joseph Farrugia (ID 330585M) u Charles Farrugia) bħala l-eredi universali tagħha, fi kwoti indaqs bejniethom (erġa' ara Dok NM40, f'paġna 121 tal-atti tal-kawża).

98. Billi Salvina Farrugia ħalliet lil Mario u Joseph Farrugia (ID 155852M) kwart indiviż kull wieħed mill-ishma tal-proprjetà li hija wirtet mingħand il-ġenituri tagħha, u ma qalet xejn x'għandu jiġri min-nofs indiviż li kien fadlilha, isegwi li dak in-nofs indiviż għandu jinqasam bejn l-eredi tagħha Publius Farrugia u martu Catherine Farrugia.

99. Publius u martu Catherine Farrugia, jiġu għalhekk li messhom kwart indiviż (1/4) kull wieħed mill-ishma li Salvina Farrugia wirtet mingħand il-ġenituri tagħha, u għaldaqstant kull wieħed minnhom dawn messhom: (i) **1/32** *(1/4 x 1/8 = 1/32)* mill-għalqa ta' Bubaqra; (ii) **1/32** *(1/4 x 1/8 = 1/32)* mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; u (iii) **1/32** *(1/4 x 1/8 = 1/32)* mill-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq.

100. Billi Salvina Farrugia ma qalet xejn x'għandu jiġri minn dawk l-

ishma li hija wirtet mingħand oħtha Giuseppa Muscat, mela allura Publius u martu Catherine, bħala l-eredi universali ta' Salvina, wirtu wkoll, kull wieħed minnhom dawn l-ishma li Salvina kisbet b'wirt mingħand oħtha Giuseppa Muscat: (i) **1/112** *(1/2 x 1/56 = 1/112)* mill-għalqa ta' Bubaqra; (ii) **1/112** *(1/2 x 1/56 = 1/112)* mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; (iii) **1/112** *(1/2 x 1/56 = 1/112)* mill-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq; u (iv) is-sehem ta' **1/42** *(1/2 x 1/21 = 1/42)* mir-razzett *«Ta' Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta' miegħu.

101. B'kollox għalhekk jiġi li **Publius u Catherine Farrugia wirtu mingħand Salvina Farrugia, kull wieħed minnhom, dawn l-ishma**: (i) **9/224** *(1/32 + 1/112 = 9/224)* mill-għalqa ta' Bubaqra; (ii) **9/224** *(1/32 + 1/112 = 9/224)* mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; (iii) **9/224** *(1/32 + 1/112 = 9/224)* mill-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq; u (iv) is-sehem ta' **1/42** *(0 + 1/42 = 1/42)* mir-razzett *«Ta' Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta' miegħu.

102. Ġara li Catherine Farrugia mietet waqt li kienet għaddejja l-kawża, u billi din ma għamlet l-ebda testment (ara r-riċerki f'paġni 863 u 864 tal-atti tal-kawża), isegwi li bis-saħħa tal-**Artikolu 808(1) tal-Kodiċi Ċivili**, nofs ġidha għadda għal fuq żewġha Publius, u n-nofs l-ieħor għadda għal fuq iż-żewġ uliedha Joseph Farrugia (ID 330585M) u Charles Farrugia, biss.

103. Issa jekk ikollna nżidu l-ishma li Publius Farrugia wiret mingħand ommu Salvina, flimkien ma’ dawk l-ishma li huwa wiret mingħand martu Catherine, jiġi li b’kollox **Publius Farrugia huwa s-sid ta’ dawn l-ishma**: (i) **27/448** *([9/224] + [1/2 x 9/224] = 27/448)* mill-għalqa ta’ Bubaqra; (ii) **27/448** *([9/224] + [1/2 x 9/224] = 27/448)* mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; (iii) **27/448** *([9/224] + [1/2 x 9/224] = 27/448)* mill-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq; u (iv) is-sehem ta' **1/28** *([1/42] + [1/2 x 1/42] = 1/28)* mir-razzett *«Ta’ Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta’ miegħu.

104. In-nofs indiviż l-ieħor ta’ Catherine mar għand uliedha **Joseph Farrugia (ID 330585M) u Charles Farrugia**, biex b’hekk, **wara l-mewt ta’ ommhom Catherine, dawn saru kull wieħed minnhom, is-sidien ta’ dawn l-ishma mhux maqsuma**: (i) **9/896** *(1/4 x 9/224 = 9/896)* mill-għalqa ta’ Bubaqra; (ii) **9/896** *(1/4 x 9/224 = 9/896)* mill-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret iż-Żurrieq; (iii) **9/896** *(1/4 x 9/224 = 9/896)* mill-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq; u (iv) is-sehem ta' **1/168** *([1/4 x 1/42] = 1/168)* mir-razzett *«Ta’ Zitellu»* flimkien mal-ġardina ta’ miegħu.

105. Jekk ikollna nirrappreżentaw dan kollu f’tabella waħda, jiġi li **b’kollox, Publius Farrugia, Joseph Farrugia (ID 330585M), Charles Farrugia, Joseph Farrugia (ID 155852M) u Mario Farrugia, huma sidien ta’ dawn l-ishma**:

| | PUBLIUS | JOSEPH (ID330585M) | CHARLES | JOSEPH (ID155852M) | MARIO |
|---|---|---|---|---|---|
| **Għalqa f'Bubaqra** | **27/448** | **9/896** | **9/896** | **1/32** | **1/32** |
| **Fond nru 13, Triq Nigret, Żurrieq** | **27/448** | **9/896** | **9/896** | **1/32** | **1/32** |
| **Fond nru 51, Triq il-Mitħna, Żurrieq** | **27/448** | **9/896** | **9/896** | **1/32** | **1/32** |
| **Razzett *Ta Zitellu,* bil-ġardina** | **1/28** | **1/168** | **1/168** | **0** | **0** |

106. Jekk imbagħad ikollna ndawru dawn l-ishma bħala kwota mill-wirt ta' Salvina Farrugia biss, jirriżulta li Publius Farrugia, Joseph Farrugia (ID 330585M), Charles Farrugia, Joseph Farrugia (ID 155852M) u Mario Farrugia, għandhom dawn il-kwoti:

| | PUBLIUS | JOSEPH (ID330585M) | CHARLES | JOSEPH (ID155852M) | MARIO |
|---|---|---|---|---|---|
| **Għalqa f'Bubaqra** | 1/7 = 1<br>27/448 = ?<br><br>27/448 x 7<br><br>= **27/64 jew 42.188%** | 1/7 = 1<br>9/896 = ?<br><br>9/896 x 7<br><br>= **9/128 jew 7.031%** | 1/7 = 1<br>9/896 = ?<br><br>9/896 x 7<br><br>= **9/128 jew 7.031%** | 1/7 = 1<br>1/32 = ?<br><br>1/32 x 1/7<br><br>= **7/32 jew 21.875%** | 1/7 = 1<br>1/32 = ?<br><br>1/32 x 7<br><br>= **7/32 jew 21.875%** |
| **Fond nru 13, Triq Nigret, Żurrieq** | 1/7 = 1<br>27/448 = ?<br><br>27/448 x 7<br><br>= **27/64 jew 42.188%** | 1/7 = 1<br>9/896 = ?<br><br>9/896 x 7<br><br>= **9/128 jew 7.031%** | 1/7 = 1<br>9/896 = ?<br><br>9/896 x 7<br><br>= **9/128 jew 7.031%** | 1/7 = 1<br>1/32 = ?<br><br>1/32 x 7<br><br>= **7/32 jew 21.875%** | 1/7 = 1<br>1/32 = ?<br><br>1/32 x 7<br><br>= **7/32 jew 21.875%** |
| **Fond nru 51, Triq il-Mitħna, Żurrieq** | 1/7 = 1<br>27/448 = ?<br><br>27/448 x 7) | 1/7 = 1<br>9/896 = ?<br><br>9/896 x 7 | 1/7 = 1<br>9/896 = ?<br><br>9/896 x 7 | 1/7 = 1<br>1/32 = ?<br><br>1/32 x 7 | 1/7 = 1<br>1/32 = ?<br><br>1/32 x 7 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | = **27/64 jew 42.188%** | = **9/128 jew 7.031%** | = **9/128 jew 7.031%** | = **7/32 jew 21.875%** | = **7/32 jew 21.875%** |
| **Razzett *Ta Zitellu,* bil-ġardina** | 1/21 = 1<br>1/28 = ?<br><br>1/28 x 21<br><br>**= 3/4 jew 75%** | 1/21 = 1<br>1/168 = ?<br><br>1/168 x 21<br><br>= **1/8 jew 12.5%** | 1/ 21 = 1<br>1/168 = ?<br><br>1/168 x 21<br><br>= **1/8 jew 12.5%** | 0 | 0 |

107. Issa fil-pjan tal-qasma, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-għalqa f'Bubaqra, il-fond bin-numru 13 fi Triq Nigret, il-Fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, u 582.96 metri kwadri mill-ġardina ta' mar-razzett *«Ta' Zitellu»* għandhom jiġu assenjati kollha lill-atturi bl-esklużjoni tal-konvenuti Nazzareno u martu Anna Muscat.

108. B'kollox dawn il-proprjetajiet waqgħu għalhekk fuq ħames mill-ulied ta' Giovanni u martu Angela Muscat, u dan kemm għaliex Giuseppa Muscat mietet l-ewwel waħda bla testment u sehemha għadda fuq ħutha kollha, kif ukoll għaliex is-sehem tal-konvenuti Nazzareno u martu Anna Muscat, jinkludi fih is-sehem tal-aħwa Emanuel u Victor Muscat, li b'żewġ testmenti separati tad-9 ta' Diċembru, 1992, għażlu li jħallu lil Nazzareno u martu Anna Muscat bħala l-eredi universali tagħhom (ara Dok NM2 f'paġni 9 sa 10 u Dok NM7 f'paġni 25 u 26 tal-atti tal-kawża).

109. Ifisser dan, li d-dħul mill-bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjetajiet li ġew assenjati lill-atturi, għandu jinqasam bejn il-werrieta ta' Pietro Muscat, Carmelo Muscat, Salvatore Muscat, Salvina Farrugia u Francesco

Muscat (bl-esklużjoni tal-konvenut Nazzareno Muscat) (ara paġni 33 sa 35 tas-sentenza appellata).

110. Jiġi b'hekk, li l-werrieta ta' Salvina Farrugia, imisshom flimkien bejniethom kwint (1/5) mid-dħul tal-bejgħ tal-proprjetà b'liċitazzjoni, li għandu mbagħad jinqasam bejniethom skont il-kwoti jew persentaġġi murija fit-tabella f'paragrafu 106 ta' din is-sentenza.

111. Fi kliem ieħor, **<u>mid-dħul kollu tal-bejgħ b'liċitazzjoni, Publius Farrugia, Joseph Farrugia (ID 330585M), Charles Farrugia, Joseph Farrugia (ID 155852M) u Mario Farrugia, sejrin imisshom dawn il-kwoti</u>:**

| | **PUBLIUS** | **JOSEPH (ID330585M)** | **CHARLES** | **JOSEPH (ID155852M)** | **MARIO** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Għalqa f'Bubaqra** | 1/5 x 27/64 = **27/320 jew 8.438%** | 1/5 x 9/128 = **9/640 jew 1.406%** | 1/5 x 9/128 = **9/640 jew 1.406%** | 1/5 x 7/32 = **7/160 jew 4.375%** | 1/5 x 7/32 = **7/160 jew 4.375%** |
| **Fond nru 13, Triq Nigret, Żurrieq** | 1/5 x 27/64 = **27/320 jew 8.438%** | 1/5 x 9/128 = **9/640 jew 1.406%** | 1/5 x 9/128 = **9/640 jew 1.406%** | 1/5 x 7/32 = **7/160 jew 4.375%** | 1/5 x 7/32 = **7/160 jew 4.375%** |
| **Fond nru 51, Triq il-Mitħna, Żurrieq** | 1/5 x 27/64 = **27/320 jew 8.438%** | 1/5 x 9/128 = **9/640 jew 1.406%** | 1/5 x 9/128 = **9/640 jew 1.406%** | 1/5 x 7/32 = **7/160 jew 4.375%** | 1/5 x 7/32 = **7/160 jew 4.375%** |
| **Parti mill-ġardina tar-Razzett *Ta' Zitellu*** | 1/5 x ¾ = **3/20 jew 15%** | 1/5 x 1/8 =**1/40 jew 2.5%** | 1/5 x 1/8 =**1/40 jew 2.5%** | Xejn | Xejn |

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda fl-ewwel lok, **tiċħad** l-appell ewlieni tal-konvenuta Anna Muscat, u fit-tieni lok, qiegħda **tilqa'** l-appell inċidentali ta' Publius Farrugia, Joseph Farrugia (ID 330585M) u Charles Farrugia, u b'hekk qiegħda tibdel is-sentenza appellata sa fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif għandu jinqasam is-sehem ta' Salvina Farrugia bejn il-werrieta tagħha, u minflok tiddeċiedi li:

i. **Publius Farrugia** huwa intitolat: għas-sehem ta' **27/320 (8.438%)** mid-dħul tal-bejgħ b'liċitazzjoni tal-għalqa f'Bubaqra, tal-fond bin-numru 13, Nigret Junction, Żurrieq, u tal-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, Żurrieq; kif ukoll għas-sehem ta' **3/20 (15%)** mid-dħul tal-bejgħ b'liċitazzjoni ta' parti mill-ġardina ta' mar-razzett *«Ta' Zitellu»*;

ii. **Joseph Farrugia (ID 330585M)** u **Charles Farrugia** huma kull wieħed minnhom intitolati: għas-sehem ta' **9/640 (1.406%)** mid-dħul tal-bejgħ b'liċitazzjoni tal-għalqa f'Bubaqra, tal-fond bin-numru 13, Nigret Junction, Żurrieq, u tal-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, Żurrieq; kif ukoll għas-sehem ta' **1/40 (2.5%)** mid-dħul tal-bejgħ b'liċitazzjoni ta' parti mill-ġardina ta' mar-razzett *«Ta' Zitellu»*; u

iii. **Joseph Farrugia (ID 155852M)** u **Mario Farrugia** huma kull wieħed minnhom intitolati biss għas-sehem ta' **7/160 (4.375%)** mid-dħul tal-

bejgħ b'liċitazzjoni tal-għalqa f'Bubaqra, tal-fond bin-numru 13, Nigret Junction, Żurrieq, u tal-fond bin-numru 51 fi Triq il-Mitħna, Żurrieq.

Mill-bqija s-sentenza appellata għandha tibqa' kif inhi, anke fejn għandu x'jaqsam mal-ispejjeż, b'dan illi t-termini mogħtija f'dik is-sentenza għandhom jibdew jgħaddu mil-lum.

L-ispejjeż b'rabta mal-appell ewlieni għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuta Anna Muscat, filwaqt li l-ispejjeż b'rabta mal-appell inċidentali għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da